Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Frar 2017**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex dawk kollha li qed ibatu, speċjalment il-fqar, ir-rifuġjati, l-imwarrbin, isibu fil-komunitajiet tagħna min jilqagħhom u jfarraġhom.**

*Talba:*

Missier, fakkarni li l-foqra u l-abbandunati huma ħutna fi Kristu. Agħtini qalb li tagħdirhom sabiex inkun nista' nħobbhom daqslikieku kienu ħuti u b'hekk ngħinhom jifhmu u jduqu l-imħabba kbira tiegħek lejna.

*X'nista' nagħmel:*

Nidentifika persuna mwarrba mill-komunità li ngħix fiha jien. Insib mezz biex ngħinha tħossha milqugħa fil-komunità. Ma niddejjaqx nidher magħha quddiem l-oħrajn.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com